MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 400/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Mifsud talli:

(1) Fil-11 ta’ Settembru 2006 ghall-habta tal-10.20 a.m. f’Tas-Sliema ikkometta serq ta’ basket kontenenti telefon cellulari, flus kontanti u affarijiet ohra, minn fuq il-persuna ta’ Yvonne Delia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza diretta kontra persuna li ghalqet l-eta` ta’ sittin sena u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira;

(2) Fil-11 ta' Settembru 2006 f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(3) Fil-11 ta' Settembru 2006 ghall-habta ta' l-10.20 a.m. f'Tas-Sliema, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Yvonne Delia minn Tas-Sliema, skond ma ccertifika Dr. Paul A. Mangion mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Carmel Mifsud hati ta' l-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li hija wahda alternattiva u lliberatu minnha u, wara li rat l-artikoli 22, 261(a)(c), 262, 267, 274 u 279(a) tal-Kap. 9, ikkommettiet lill-imsemmi Carmel Mifsud ghal perijodu ta' sittin siegha xoghol komunitarju skond l-artikolu 11 tal-Kap. 446 u li ghandu jaghmel fil-hinijiet kif indikati lilu mill-probaton officer skond il-formola annessa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien tal-htija izda flok il-piena moghtija tinghata piena karcerarja u tordna l-konfiska tal-vettura Mazda skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurata tas-sentenza appellata, jirrizulta li l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fuq it-tielet akkuza.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellat hati ta' l-ewwel akkuza izda lliberatu mit-tieni akkuza peress illi din kienet wahda alternattiva ghall-ewwel wahda. Kwantu ghat-tielet akkuza, ghalkemm din tista' titqies bhala assorbita fl-ewwel wahda, pero` l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha nonostante li kien hemm l-ammissjoni ta' l-appellat.

Is-sentenza appellata hi ghalhekk difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u dan irendi l-istess sentenza nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid hi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------